II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Lulju 2009

li tapprova ċerti programmi emendati għall-qerda u l-monitoraġġ ta' mard tal-annimali u ż-żoonożi għas-sena 2009 u li temenda d-Deċiżjoni 2008/897/KE fir-rigward tar-riallokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lil ċerti Stati Membri għal programmi approvati minn dik id-Deċiżjoni

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5475)

(2009/560/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1],u b'mod partikulari l-Artikolu 24(5) u (6) u l-Artikoli 25(1) u (2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal programmi għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/897/KE tat-28 ta' Novembru 2008 li tapprova programmi nazzjonali annwali u pluriannwali u l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi, ippreżentati mill-Istati Membri għall-2009 u s-snin ta' wara [2] tapprova ċerti programmi nazzjonali u tistabbilixxi r-rata u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal kull programm ippreżentat mill-Istati Membri.

(3) Il-Belġju, id-Danimarka, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, l-Olanda, il-Portugall u l-Finlandja ppreżentaw il-programmi emendati għall-qerda u l-monitoraġġ tad-deni katarrali (bluetongue).

(4) Il-Kummissjoni evalwat dawn il-programmi emendati kemm mil-lat veterinarju kif ukoll mil-lat finanzjarju. Instab li dawn il-programmi huma konformi mal-leġiżlazzjoni veterinarja Kommunitarja rilevanti u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji Komunitarji għal programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi [3]. Dawn il-programmi emendati għandhom għalhekk jiġu approvati.

(5) Id-Danimarka, Spanja, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall, il-Finlandja u r-Renju Unit ippreżentaw il-programmi emendati għall-monitoraġġ tal-enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli (EST).

(6) Il-Kummissjoni evalwat dawn il-programmi emendati kemm mil-lat veterinarju kif ukoll mil-lat finanzjarju. Instab li dawn il-programmi jikkonformaw mal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja rilevanti u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/341/KE. Dawn il-programmi emendati għandhom għalhekk jiġu approvati.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.
[2] ĠU L 322, 2.12.2008, p. 39.
[3] ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44.

(7) Programm multiannwali għall-qerda tar-rabja ġie approvat għas-Slovenja mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/782/KE tat-30 ta' Novembru 2007 li tapprova programmi nazzjonali annwali u multiannwali u l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-qerda, kontroll u sorveljanza ta' ċertu mard u żoonożi fl-annimali, ippreżentati mill-Istati Membri għall-2008 u snin ta' wara ([1]). It-tieni sena ta' dan il-programm ġiet approvata mid-Deċiżjoni 2008/897/KE.

(8) Is-Slovenja ppreżentat verżjoni emendata tal-programm għat-tieni sena tal-programm multiannwali tagħha għall-qerda tar-rabja. Il-Kummissjoni evalwat dan il-programm emendat kemm mil-lat veterinarju kif ukoll mil-lat finanzjarju. Instab li dan il-programm jikkonforma mal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja rilevanti u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/341/KE. Dan il-programm emendat għandu għalhekk jiġi approvat.

(9) Il-programmi nazzjonali għall-qerda u l-monitoraġġ tad-deni katarrali li kienu approvati mid-Deċiżjoni 2008/897/KE kienu jinkludu l-kampanji tat-tilqim kontra din il-marda fl-2009. Madankollu, l-ispejjeż tal-għoti tat-tilqima ma kinux inklużi mal-ispejjeż li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mingħand il-Komunità.

(10) Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Istati Membri kkonċernati, huwa xieraq li jiġu inklużi l-ispejjeż tal-għoti tat-tilqima mal-ispejjeż li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mingħand il-Komunità. Għalhekk huwa xieraq li jkunu allokati iżjed fondi għall-finanzjament tal-programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tad-deni katarrali f'dawk l-Istati Membri li ġew approvati mid-Deċiżjoni 2008/897/KE.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([2]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 103/2009 ([3]), jistipula li għandu jkun hemm konformità ma' kundizzjonijiet iżjed stretti fil-każ ta' merħliet li jipproduċu l-ħalib infettati bl-iskrapie klassika.

(12) Fit-18 ta' Marzu 2009 Ċipru ppreżenta programm ġdid multiannwali għall-monitoraġġ u l-qerda tal-iskrapie, addattat għal dik l-aħħar emenda tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. Dan il-programm ser isir flok il-programm nazzjonali għall-qerda tal-iskrapie li kien ġie approvat għal dan l-Istat Membru għall-2009 mid-Deċiżjoni 2008/897/KE.

(13) Minħabba din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, fil-programm tiegħu, Ċipru talab li jieħu parteċipazzjoni finanzjarja ta' iżjed minn 50 fil-mija tal-ispejjeż involuti għat-tbiċċir tal-annimali li jkunu infettati bl-iskrapie. Il-Kummissjoni evalwat dan il-programm kemm mil-lat veterinarju kif ukoll mil-lat finanzjarju. Instab li dan il-programm jikkonforma mal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja rilevanti u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/341/KE. Dan il-programm għandu għalhekk jiġi approvat.

(14) Minħabba l-fatt li hemm proporzjon kbir ta' merħliet ovini u kaprini li huma infettati bl-iskrapie f'Ċipru, dan l-Istat irid joqtol numru ħafna ikbar mis-soltu f'perjodu ta' żmien qasir biex jikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti.

(15) Minħabba din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, huwa xieraq li jkun stipulat livell ogħla ta' kontribuzzjoni Komunitarja għall-programm tal-monitoraġġ u l-qerda tal-iskrapie f'dan l-Istat Membru. Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-ħlas tan-nies li jkunu impjegati apposta biex jagħmlu x-xogħol involut fil-programm, u l-ispejjeż li jsiru biex jinqerdu l-karkassi, għandhom jiżdiedu mal-ispejjeż li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għal dan il-programm.

(16) L-approvazzjoni tal-programmi emendati minn din id-Deċiżjoni għandha impatt fuq l-ammonti meħtieġa biex isiru l-programmi, kif approvati skont id-Deċiżjoni 2008/897/KE. L-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għal ċerti programmi għandu jiġi aġġustat skont dan.

(17) Id-Deċiżjoni 2008/897/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(18) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 314, 1.12.2007, p. 29.
([2]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 34, 4.2.2009, p. 11.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-programmi emendati għall-monitoraġġ u l-qerda tad-deni katarrali li ġew ippreżentati mil-Belġju fid-29 ta' Jannar 2009, mid-Danimarka fl-20 ta' April 2009, mill-Irlanda fis-16 ta' Frar 2009, minn Spanja fis-6 ta' Marzu 2009, minn Franza fit-2 ta' Frar 2009, mil-Latvja fl-20 ta' Frar 2009, mil-Litwanja fl-20 ta' Frar 2009, mill-Olanda fit-8 ta' Diċembru 2008, mill-Portugall fl-20 ta' Frar 2009 u mill-Finlandja fis-7 ta' Jannar 2009 huma b'din approvati għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 2

Il-programmi emendati għall-monitoraġġ tal-enċefalopatiji spongiformi trasmissibbli li ġew ippreżentati mid-Danimarka fit-18 ta' Marzu 2009, minn Spanja fis-7 ta' April 2009, mill-Italja fid-29 ta' Jannar 2009, mil-Lussemburgu fis-16 ta' Marzu 2009, mill-Olanda fl-20 ta' Frar 2009, mill-Portugall fl-4 ta' Marzu 2009, mill-Finlandja fis-27 ta' Frar 2009 u mir-Renju Unit fis-26 ta' Jannar 2009 huma b'din approvati għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 3

It-tieni sena tal-programm multiannwali għall-eradikazzjoni tarrabja, kif emendat, ippreżentat mis-Slovenja fit-23 ta' April 2009 hija b'din approvata għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2008/897/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafi (2) u (3) inbidlu b'dan li ġej:

"2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq tat-tilqim, għall-ispejjeż tat-testijiet tal-laboratorju għas-sorveljanza viroloġika, seroloġika u entomoloġika u għal dawk tax-xiri ta' nases u vaċċini, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 4 450 000 għall-Belġju;

(b) EUR 5 000 għall-Bulgarija;

(c) EUR 2 350 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 50 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 15 700 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 180 000 għall-Estonja;

(g) EUR 800 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 50 000 għall-Greċja;

(i) EUR 21 000 000 għal Spanja;

(j) EUR 57 000 000 għal Franza;

(k) EUR 3 000 000 għall-Italja;

(l) EUR 460 000 għal-Latvja;

(m) EUR 0 għal-Litwanja;

(n) EUR 510 000 għal-Lussemburgu;

(o) EUR 1 400 000 għall-Ungerija;

(p) EUR 5 000 għal Malta;

(q) EUR 50 000 għall-Olanda;

(r) EUR 3 350 000 għall-Awstrija;

(s) EUR 500 000 għall-Polonja;

(t) EUR 5 300 000 għall-Portugall;

(u) EUR 250 000 għar-Rumanija;

(v) EUR 910 000 għas-Slovenja;

(w) EUR 820 000 għall-Finlandja;

(x) EUR 1 550 000 għall-Iżvezja;

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jitħallsu lura lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) għal test ELISA EUR 2,5 għal kull test;

(b) għat-test PCR EUR 10 għal kull test;

(c) għax-xiri tal-vaċċini monovalenti EUR 0,3 għal kull doża;

(d) għax-xiri tal-vaċċini bivalenti EUR 0,45 għal kull doża;

(e) għat-tilqima tal-annimali bovini, EUR 1,50 għal kull annimal bovin imlaqqam, irrispettivament min-numru u t-tipi ta' dożi ta' vaċċini użati;

(f) għat-tilqima tal-annimali bovini, EUR 0,75 għal kull annimal bovin imlaqqam, irrispettivament min-numru u t-tipi ta' dożi ta' vaċċini użati";

(2) Fl-Artikolu 9(2)(l), l-ammont "EUR 1 800 000" jinbidel b' "EUR 50 000",

(3) Fl-Artikolu 13(2)(e), l-ammont "EUR 370 000" jinbidel b' "EUR 530 000".

(4) Jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

"*Artikolu 15a*

Scrapie

1. Il-programm multiannwali għall-monitoraġġ u l-qerda tal-iscrapie ppreżentat minn Ċipru fit-18 ta' Marzu 2009 huwa b'dan approvat għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ser tkun bir-rata ta':

(a) 100 % tal-ispejjeż imġarrba minn Ċipru fit-twettiq ta; testijiet mgħaġġla u t-twettiq tat-testijiet molekulari primarji;

(b) 75 % tal-ispejjeż imġarrba minn Ċipru biex jingħata kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali li kellhom jinqatlu u jinqerdu skont il-programm tiegħu għall-monitoraġġ u l-qerda tal-iscrapie;

(c) 50 % tal-ispejjeż għal:

(i) l-analiżi tal-kampjuni għad-determinazzjoni tal-ġenotipi;

(ii) ix-xiri tal-preparazzjonijiet li jintużaw għall-ewtanizzar tal-annimali;

(iii) il-persunal impjegat speċifikament biex iwettaq ix-xogħol fi ħdan il-programm;

(iv) Il-qerda tal-karkassi.

3. L-ispejjeż massimi li għandhom jitħallsu lura lil Ċipru għall-programm imsemmi fil-paragrafu 1 bħala medja ma għandhomx jaqbżu:

(a) EUR 30 għal kull test imwettaq fuq l-annimali ovini u kaprini msemmija fit-Tieni Parti tal-Kapitolu A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) EUR 175 għal kull test, molekulari primarju diskriminatorju mewttaq kif imsemmi fil-punt 3.2(c)(i) tal-Kapitolu C tal-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(c) EUR 10 għal kull test għad-determinazzjoni tal-ġenotip;

(d) EUR 100 għal kull nagħġa jew mogħża maqtula.

4. L-ammont li se jiġi impenjat għall-2009 għandu jkun ta' EUR 5 400 000.

5. It-twettiq tal-programm fl-2009 se jitqies meta tittieħed id-deċiżjoni dwar l-ammont li għandu jkun impenjat għas-sena 2010".

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni